# Il-Knisja tal-Madonna tal-Bon Kunsill

minn Joe M. Attard

Mija u tletin sena tgerbu,
iż-Żejtun feraħ bi sħiħ –
kienet għodwa tant mixtieqa,
ħdimna għaliha bla mistrieħ.

Sa ma rajna l-Knisja tagħna
ta' Bażilka ġieħ mogħtija
u mal-Lateran marbuta -
kulħadd stenna dik is-siegħa!

Fis-sena elf, seba' mija
magħhom żid tlieta w ħamsin –
daqshekk issa ilha mibnija
bil-barka t'Alla l-ħanin!

Il-Markiż Testaferrata
tana Knisja żul minn hemm
illi lilha niesna tfittex
fil-mard, saram jew xi hemm!

Bl-istess kunjom Markiż ieħor
rabatna mal-Lateran –
tħabat, stinka sa ma wasal
jilħaq tiegħu dan il-għan!

Wara kollox din l-Omm tagħna
lesta dejjem biex tagħtina
parir tajjeb, f'ħinu, f'waqtu,
u niġġarrfu le tħallina.

U kif ġewwa Gennazzano
xerridt grazzji bla waqfien
qis li tibqa' dejjem magħna
għalkemm għad itul iż-żmien.

Liż-Żwieten imla bil-hena
f'dan l-Anniversarju tiegħek;
f'darhom idħol u hemmhekk saltan
magħqudin żommhom dlonk miegħek.

Ħarstek itfa' fuq daw' l-għejjer
li bla dubju iħobbuk;
irriduk li tibqa' magħna
sabiex qalbna kollha n'tuk.